

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15607/23

ATO 61
CONOP 115

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12893/23 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) - Adozzjoni

1. L-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) ġiet stabbilita skont il-Ftehim tad-9 ta' Marzu 1995 bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Korea, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerka. Fid-19 ta' Settembru 1997, l-Unjoni Ewropea (UE) ingħaqdet mal-KEDO b'rappreżentanza fil-Bord Eżekuttiv tal-KEDO.
2. It-tmien Ftehim konkluż bejn il-Komunità u l-KEDO skada fil-31 ta' Mejju 2021 u ġġedded awtomatikament kull sena. Għalhekk għandha tiġi prevista applikazzjoni retroattiva tal-Ftehim. Il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2024.
3. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Rakkomandazzjoni għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

4. Bid-deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill ser japprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' Ftehim li jiżgura l-applikabbiltà tal-Ftehim preċedenti bejn l-Euratom u l-KEDO b'mod retroattiv mill-31 ta' Mejju 2021 u għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2024.
5. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub li saret bejn is-6 u t-13 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi laħaq qbil dwar it-test ta' din id-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokumenti 14391/1/23 REV 1 + 14391/23 ADD 1.
6. Il-Coreper għalhekk jista' jistieden lill-Kunsill:
 - jadotta t-test kif jinsab fid-dokument 15529/23 + ADD 1 bħala punt "A".
